**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Nru. 1124/2022/1 GM**

**Avukat Dottor Malcolm Mifsud (K.I. 405168M) a nom u in rappreżentanza tal-assenti Margaret Gloria Vella, Diane Dulcie Camilleri, Katherine Mifsud, Mary Catherine Vella, Joseph Cauchi u Vincenzo sive Vincent Gauci kollha residenti l-Awstralja**

**Vs**

**John Cauchi (K.I. 452562M), Catherine Borg (K.I. 363866M), Pauline sive Paola Vella (K.I. 501644M), Francis Grech (K.I. 514749M), Giovanna Gauci (K.I. 385641M), u John Cauchi (K.I. 302253M)**

**Il-Qorti:**

Nazzarena Cauchi mietet fit-31 ta' Marzu 2022. Permezz tal-aħħar testment tagħha ħalliet bħala werrieta lill-familjari tagħha li jgħixu Malta. Ir-rikorrent jirrapreżenta lill-familjari imsifrin. Huwa jsostni li l-aħħar testment ma jgħoddx għaliex it-testatriċi ma kellhiex il-kapaċita` mentali biex tagħmel testment billi kienet tbati mid-demenzja. Jibbaża l-interess ġuridiku tal-mandati tiegħu fuq testment preċedenti, li permezz tiegħu ħalliet ukoll werrieta lill-familjari residenti

barra minn Malta. Għalhekk qiegħed jitlob il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni biex l-intimati ma jbiegħux il-ġid ta' Nazzarena Cauchi b'mod partikolari l-fond 170, Triq il-Kbira, Mellieħa.

L-intimati jgħidu li skont Art. 831(1)(b) tal-kodiċi ritwali, fejn id-dritt pretiż ikun dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus, dak li jitlob il-ħruġ tal-mandat kawtelatorju jinħtieġlu jindika fir-rikors tiegħu, taħt piena ta' nullita`, l-ammont li għalih tammonta t-talba. Il-mandat t'inibizzjoni huwa att kawtelatorju u għalhekk tapplika għalih din in-norma. Ir-rikorrent stess iddikjara li l-pretensjoni tiegħu hija waħda li tista' tissarraf fi flus. Għalhekk kellu jiddikjara l-ammont li kien qed jippretendi. Jekk ma kienx jaf l-ammont preċiż, seta' indika bejn wieħed u ieħor, fil-fehma tiegħu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tiegħu (Art. 832 ibid.).

Isostnu wkoll li r-rikorrent ma wriex li għandu dritt *prima facie*.

Ikkunsidrat:

Artiklu 873 huwa d-disposizzjoni ġenerali dwar il-mandati t'inibizzjoni, li tesiġi, biex Qorti toħroġ dan it-tip ta' mandat, (1) li tkun sodisfatta li jkun meħtieġ biex jitħarsu l-pretensjonijiet tar-rikorrent, u (2) li jkun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu l-jeddijiet minnu pretiżi. Imbagħad il-kodiċi ritwali jitratta mandati t'inibizzjoni li jkopru sitwazzjonijiet partikolari: (1) biex jiżgura dejn jew pretensjoni ta' flus b'minimu ta' €11,646.86 (Art. 874); (2) f'każi ta' separazzjoni jew divorzju (Art. 875); u (3) biex iwaqqaf milli jittieħed minorenni barra minn Malta.

L-Art. 831(1)(b), imsemmi mill-intimati, jesiġi li fejn id-dritt pretiż huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatt bil-ħlas ta' ammont ta' flus, ir-rikorrent jinħtieġlu jsemmi l-ammont li għalih tammonta t-talba. L-Art. 832 jissokta jżid li fil-każ ta' kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta' somma flus, ir-rikorrent, fid-dikjarazzjoni bil-ġurament li jinħtieġlu jagħmel fir-rikors promotur, għandu jgħid bejn wieħed u ieħor, fil-fehma tiegħu, is-somma ta' kreditu jew pretensjoni tiegħu. Kemm fl-Art. 831(1)(b) kif ukoll fl-Art. 832, it-tismija tas-somma pretiża – fl-ewwel każ preċiża; fit-tieni każ imqar approssimattiva – trid issir taħt il-piena ta' nullita` espressament imposta fl-istess żewġ disposizzjonijiet. Dawn iż-żewġ disposizzjonijiet japplikaw għall-mandati kawtelatorji kollha imsemmija fl-Art. 830(1) fosthom il-mandat t'inibizzjoni. Barra minn hekk, skont l-Art. 876A, id-disposizzjonijiet tal-Art. 829 sa 844 japplikaw għall-mandati t'inibizzjoni – u għalhekk inklużi ż-żewġ disposizzjonijiet suċċitati.

Għalhekk, fil-każ tal-Art. 874, mhux biss iridu jissussistu ż-żewġ elementi għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni msemmijin fl-Art. 873, imma wkoll hemm it-tielet element – dak tat-tismija tal-ammont pretiż.

Ir-rikorrent fetaħ din il-proċedura fuq il-formola intiża espressament biex jikkawtela kreditu li jippretendi mingħand l-intimati, li teċċedi l-€11,646.86. Għalhekk kjarament qiegħed jibbaża ruħu fuq l-Art. 874, biex jiżgura dejn jew pretensjoni monetarja. Li jfisser li huma applikabbli l-Art. 831 u 832 preċitati. Ir-rikorrent ma semmiex l-ammont ta' flus li qiegħed jippretendi li tiswa' l-pretensjoni tiegħu, la b'mod preċiż u lanqas b'mod approssimattiv. Għalhekk isegwi li trid tiġi mposta s-sanzjoni, anke jekk estrema, tan-nullita` tar-rikors tiegħu. Dan għaliex din in-nullita` hija waħda minn dawk il-ftit nullitajiet fil-kodiċi ritwali li jinstabu msemmija espressament; hija waħda assoluta u

saħansitra jekk ma titqanqalx mill-intimat il-Qorti hija fid-dover li tqajjimha *ex officio*.[1] Din is-sanzjoni mhix imposta kapriċċożament mil-leġislatur, iżda hija meħtieġa biex l-intimat ikun f'qagħda li jiddefendi ruħu billi ma jkunx iffaċċjat bi pretenzjoni t'ammont inċert u indeterminat. Hekk jkun jaf bl-ammont ta' garanzija li jekk ikun il-każ ikollu joħroġ biex jitwaqqa' l-mandat.

Il-Qorti għalhekk tista' tieqaf hawn fil-konsiderazzjonijiet tagħha.

Għall-kompletezza, iżda, iżżid tgħid li r-rikorrent ma jgħidux kif setgħu ikunu l-benefiċjarji tat-testment preċedenti, għaliex dan it-testment ma jsemmihomx. Lanqas jekk il-persuni li jgħixu barra minn Malta msemmija fit-testment kinux ħajjin jew mejtin meta mietet it-testatriċi. U lanqas jekk huma humiex uliedhom, jew il-werrieta tagħhom. Għalhekk lanqas ippruvaw jedd *prima facie*.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat.

Spejjeż a kariku tar-rikorrent.

Mogħti kameralment illum 12 ta' Settembru 2022.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

[1] MBR Publications Ltd v Yachting Malta Ltd 17.02.2017 Prim'Awla, per Onor. Imħ. Lorraine Schembri Orland.